DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2010/638/PESK

tal-25 ta' Ottubru 2010

dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Ginea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Ottubru 2009, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2009/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Ginea [1], b'rispons għar-repressjoni vjolenti mill-forzi tas-sigurtà fuq dimostranti politiċi f'Conakry fit-28 ta' Settembru 2009.

(2) Fit-22 ta' Diċembru 2009, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2009/1003/PESK li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2009/788/PESK [2] li tinkludi miżuri restrittivi addizzjonali.

(3) Fid-29 ta' Marzu 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/186/PESK li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2009/788/PESK [3].

(4) Abbażi ta' rieżami tal-Pożizzjoni Komuni 2009/788/PESK, il-miżuri restrittivi għandhom jiġġeddu sas-27 ta' Ottubru 2011.

(5) Il-miżuri ta' implimentazzjoni tal-Unjoni huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1284/2009 tat-22 ta' Diċembru 2009 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi fir-rigward tar-Repubblika tal-Ginea [4].

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' armamenti u materjal relatat ta' kull tip, inklużi armi u munizzjoni, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari u partijiet ta' rikambju għal dawn imsemmija qabel, kif ukoll tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna, lir-Repubblika tal-Ginea minn ċittadini tal-Istati Membri jew mit-territorji tal-Istati Membri jew bl-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru tal-bandiera tagħhom, għandhom jiġu pprojbiti kemm jekk joriġinaw fit-territorji tagħhom u kemm jekk le.

2. Għandu jkun ipprojbit:

(a) il-forniment, dirett jew indirett, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 jew relatati mal-forniment, il-manifatturar, il-manutenzjoni u l-użu ta' tali oġġetti, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għall-użu fir-Repubblika tal-Ginea;

(b) il-forniment, dirett jew indirett, ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatata mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1, inklużi b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' tali oġġetti,, jew għall-forniment ta' assistenza teknika relatata, senserija jew servizzi oħra lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għall-użu fir-Repubblika tal-Ginea;

(c) il-parteċipazzjoni, konxjentement u intenzjonalment, f'attivitajiet, li l-objettiv jew l-effett tagħhom hu li jevitaw il-projbizzjonijiet imsemmijin fil-punti (a) jew (b).

Artikolu 2

1. L-Artikolu 1 m'għandux japplika għal:

(a) il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir militari li ma joqtolx, jew ta' tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna, maħsub biss għal użu umanitarju jew protettiv, jew għall-programmi għall-bini ta' istituzzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) u l-Unjoni Ewropea, jew għal operazzjonijiet tal-Unjoni u n-NU ta' maniġġar ta' kriżijiet;

(b) il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' vetturi mhux tal-ġlied li ġew manifatturati jew mgħammra b'materjali biex jipprovdu protezzjoni ballistika, maħsuba biss għall-użu protettiv ta' persunal tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fir-Repubblika tal-Ginea;

(c) il-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija u servizzi oħrajn relatati ma' tali tagħmir, jew ma' tali programmi u operazzjonijiet;

(d) il-forniment ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatata ma' tali tagħmir jew ma' tali programmi u operazzjonijiet;

bil-kondizzjoni li tali esportazzjonijiet jew assistenza jkunu ġew approvati minn qabel mill-awtorità kompetenti rilevanti.

[1] ĠU L 281, 28.10.2009, p. 7.
[2] ĠU L 346, 23.12.2009, p. 51.
[3] ĠU L 83, 28.10.2009, p. 23.
[4] ĠU L 346, 23.12.2009, p. 26.

2. L-Artikolu 1 m'għandux japplika għal ilbies protettiv, inklużi ġkieket tal-flak u elmi militari, esportati temporanjament lejn ir-Repubblika tal-Ginea minn persunal tan-NU, persunal tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, rappreżentanti tal-midja u ħaddiema umanitarji u dawk għall-iżvilupp u persunal assoċjat għall-użu personali tagħhom biss.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa għall-prevenzjoni tad-dħul fi, jew it-transitu minn ġewwa, it-territorji tagħhom tal-membri individwali tal-Kunsill Nazzjonali għad-Demokrazija u l-Iżvilupp (CNDD) u persuni assoċjati magħhom, kif elenkat fl-Anness.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux jobbliga lil Stat Membru jiċħad liċ-ċittadini tiegħu stess dħul fit-territorju tiegħu.

3. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-każijiet fejn Stat Membru jkun marbut b'obbligu ta' dritt internazzjonali, jiġifieri:

(a) bħala pajjiż ospitanti għal organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali;

(b) bħala pajjiż ospitanti għal konferenza internazzjonali msejħa min-NU, jew taħt l-awspiċju tagħha;

(c) taħt ftehim multilaterali li jikkonferixxi privileġġi u immunitajiet; jew

(d) taħt it-Trattat ta' Konċiljazzjoni tal-1929 (il-Patt tal-Lateran) konkluż mis-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan) u l-Italja.

4. Il-paragrafu 3 għandu jiġi kkunsidrat bħala li japplika anki f'każijiet fejn Stat Membru jkun pajjiż ospitant għall-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).

5. Il-Kunsill għandu jkun debitament informat fil-każijiet kollha fejn Stat Membru jagħti eżenzjoni skont il-paragrafi 3 jew 4.

6. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-miżuri imposti taħt il-paragrafu 1 fejn l-ivvjaġġar ikun ġustifikat minħabba ħtieġa umanitarja urġenti, jew għal attendenza f'laqgħat intergovernattivi, inklużi dawk promossi mill-Unjoni, jew ospitati minn Stat Membru li jkollu l-Presidenza kurrenti tal-OSKE, fejn isir djalogu politiku li jippromwovi direttament id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt fir-Repubblika tal-Ginea.

7. Stat Membru li jixtieq jagħti l-eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6 għandu jinnotifika lill-Kunsill bil-miktub. L-eżenzjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala mogħtija dment li ma ssir l-ebda oġġezzjoni bil-miktub minn wieħed, jew iżjed, mill-Membri tal-Kunsill, fi żmien jumejn ta' ħidma minn meta tiġi rċevuta n-notifika tal-eżenzjoni proposta. Fil-każ li wieħed jew iżjed mill-membri tal-Kunsill jagħmlu oġġezzjoni, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi li jagħti l-eżenzjoni proposta.

8. F'każijiet fejn skont il-paragrafi 3, 4, 6 u 7, Stat Membru jawtorizza d-dħul fit-territorju tiegħu, jew it-transitu minnu, ta' persuni elenkati fl-Anness, l-awtorizzazzjoni għandha tkun limitata għall-iskop li għalih tingħata u għall-persuni kkonċernati minnha.

Artikolu 4

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu, huma proprjetà ta', miżmuma jew ikkontrollati mill-membri individwali tas-CNDD u persuni, entitajiet jew korpi fiżiċi jew ġuridiċi assoċjati magħhom, kif elenkat fl-Anness, għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fond jew riżors ekonomiku m'għandu jsir disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għal benefiċċju ta' persuni, entitajiet jew korpi fiżiċi jew ġuridiċi elenkati fl-Anness.

3. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tawtorizza r-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew li ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, taħt tali kondizzjonijiet li hi tikkunsidra adatti, wara li tkun iddeterminat li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi konċernati huma:

(a) meħtieġa biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni elenkati fl-Anness u l-membri tal-familja dipendenti minnhom, inklużi pagamenti għal ikel, kera jew ipoteki, mediċini u kura medika, taxxi, premiums tal-assigurazzjoni, u ħlasijiet ta' servizzi pubbliċi;

(b) maħsubin esklussivament għall-pagament ta' onorarji professjonali raġjonevoli u għar-rimborż ta' spejjeż magħmula assoċjati mal-forniment ta' servizzi legali;

(c) maħsubin esklussivament għall-pagament ta' onorarji jew ħlasijiet ta' servizzi għaż-żamma jew il-manutenzjoni ta' rutina ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati; jew

(d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, bil-kondizzjoni li l-awtorità kompetenti tkun innotifikat lill-awtorità kompetenti tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet li għalihom tikkunsidra li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika mill-inqas ġimgħatejn qabel l-awtorizzazzjoni.

Stati Membru għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan il-paragrafu.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, sakemm jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma soġġetti għal rahan ġudizzjarju, amministrattiv jew arbitrali stabbilit qabel id-data li fiha l-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmi fl-Artikolu 4(1) tkun ġiet inkluża fl-Anness jew ta' sentenza ġudizzjarja, amministrattiva jew arbitrali mogħtija qabel dik id-data;

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi ser jintużaw esklussivament biex jissodisfaw il-pretensjonijiet żgurati b'dan ir-rahan jew rikonoxxuti bħala validi f'din is-sentenza, fil-limiti ffissati bil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet tal-persuni li jkollhom dawn il-pretensjonijiet;

(c) ir-rahan jew is-sentenza mhix għall-benefiċċju ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness; u

(d) ir-rikonoxximent li r-rahan jew is-sentenza ma jmorrux kontra l-politika pubblika fl-Istat Membru kkonċernat.

Stati Membru għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan il-paragrafu.

5. Il-Paragrafu 2 m'għandux japplika għaż-żieda ma' kontijiet iffriżati ta':

(a) mgħax jew qligħ ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew

(b) pagamenti dovuti taħt kuntratti, ftehimiet jew obbligi li kienu konklużi jew li nħolqu qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru soġġetti għall-Pożizzjoni Komuni 2009/788/PESK,

dment li kwalunkwe mgħax, qligħ u pagamenti oħrajn bħal dawn jibqgħu soġġetti għall-paragrafu 1.

Artikolu 5

1. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta minn Stat Membru jew mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandu jadotta emendi għal-lista li tidher fl-Anness kif meħtieġ mill-iżviluppi politiċi fir-Repubblika tal-Ginea.

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu, inklużi r-raġunijiet għall-elenkar, lill-persuna kkonċernata, jew direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, u b'hekk tali persuna tingħata l-opportunità li tippreżenta osservazzjonijiet.

3. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew fejn jiġu ppreżentati provi sostanzjali ġodda, il-Kunsill għandu jerġa' jeżamina d-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna kkonċernata skont il-każ.

Artikolu 6

Sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-miżuri msemmija hawn fuq, l-UE għandha tinkoraġġixxi lil Stati terzi biex jadottaw miżuri restrittivi simili għal dawk imniżżla f'din id-Deċiżjoni.

Artikolu 7

Il-Posizzjoni Komuni 2009/788/PESK hija b'dan revokata.

Artikolu 8

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sas-27 ta' Ottubru 2011. Hi għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Hi tista' tiġġedded jew tiġi emendata, skont il-każ, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma jkunux intlaħqu.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-25 ta' Ottubru 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

C. ASHTON

ANNESS

Lista ta' persuni msemmija fl-Artikoli 3 u 4

	Isem (u psewdonomi possibbli)	Informazzjoni għall-identifikazzjoni (data u post tat-twelid (d.t.t. u p.t.t.), numru tal-passaport (Pass.)/karta tal-identità …)	Karigi
1.	Kaptan Moussa Dadis CAMARA	d.t.t: 1.1.1964 jew 29.12.1968 Pass: R0001318	President tas-CNDD
2.	Kurunell Mathurin BANGOURA	d.t.t: 15.11.1962 Pass: R0003491	Ministru tat-Telekomunikazzjoni u t-Teknoloġiji l-Ġodda tal-Informazzjoni
3.	Logutenent Kurunell Aboubacar Sidiki (psewdonomu Idi Amin) CAMARA	d.t.t: 22.10.1979 Pass: R0017873	Ministru u Segretarju Permanenti tas-CNDD (imkeċċi mill-Armata fis-26.1.2009)
4.	Kmandant Oumar BALDÉ	d.t.t: 26.12.1964 Pass: R0003076	Membru tas-CNDD
5.	Kmandant Mamadi (psewdonomu Mamady) MARA	d.t.t: 1.1.1954 Pass: R0001343	Membru tas-CNDD
6.	Kmandant Almamy CAMARA	d.t.t: 17.10.1975 Pass: R0023013	Membru tas-CNDD
7.	Logutenent Kurunell Mamadou Bhoye DIALLO	d.t.t: 1.1.1956 Pass: R0001855	Membru tas-CNDD
8.	Kaptan Koulako BÉAVOGUI		Membru tas-CNDD
9.	Logutenent Kurunell tal-Pulizija Kandia (psewdonomu Kandja) MARA	Pass: R0178636	Membru tas-CNDD Direttur tas-Sigurtà Nazzjonali ta' Labé
10.	Kurunell Sékou MARA	d.t.t: 1957	Membru tas-CNDD Viċi Direttur tal-Pulizija Nazzjonali
11.	Is-Sur Morciré CAMARA	d.t.t: 1.1.1949 Pass: R0003216	Membru tas-CNDD
12.	Is-Sur Alpha Yaya DIALLO		Membru tas-CNDD Direttur Nazzjonali tad-Dwana
13.	Kurunell Mamadou Korka DIALLO	d.t.t: 19.2.1962	Ministru tal-Kummerċ, l-Industrija u l-SMEs
14.	Kurunell Fodeba TOURÉ	d.t.t: 7.6.1961 Pass: R0003417 /R0002132	Gvernatur ta' Kindja (dak li kien il-Ministru taż-Żgħażagħ, imkeċċi minn Ministru fis-7.5.2009)
15.	Kmandant Cheick Sékou (psewdonomu Ahmed) Tidiane CAMARA	d.t.t: 12.5.1966	Membru tas-CNDD
16.	Kurunell Sékou (psewdonomu Sékouba) SAKO		Membru tas-CNDD

	Isem (u psewdonomi possibbli)	Informazzjoni għall-identifikazzjoni (data u post tat-twelid (d.t.t. u p.t.t.), numru tal-passaport (Pass.)/karta tal-identità …)	Karigi
17.	Logutenent Jean- Claude PIVI (psewdonomu COPLAN)	d.t.t: 1.1.1960	Membru tas-CNDD Ministru responsabbli għas-Sigurtà Presidenzjali
18.	Kaptan Saa Alphonse TOURÉ	d.t.t: 3.6.1970	Membru tas-CNDD
19.	Kurunell Moussa KEITA	d.t.t: 1.1.1966	Membru tas-CNDD Ministru Segretarju Permanenti tas-CNDD responsabbli għar-Relazzjonijiet mal-Istituzzjonijiet Repubblikani
20.	Logutenent Kurunell Aïdor (psewdonomu Aëdor) BAH		Membru tas-CNDD
21.	Kmandant Bamou LAMA		Membru tas-CNDD
22.	Is-Sur Mohamed Lamine KABA		Membru tas-CNDD
23.	Kaptan Daman (psewdonomu Dama) CONDÉ		Membru tas-CNDD
24.	Kmandant Aboubacar Amadou DOUMBOUYA		Membru tas-CNDD
25.	Kmandant Moussa Tiégboro CAMARA	d.t.t: 1.1.1968 Pass: 7190	Membru tas-CNDD Ministru fil-Presidenza responsabbli għas-servizzi speċjali tal-ġlieda kontra d-drogi u l-brigantaġġ serju
26.	Kaptan Issa CAMARA	d.t.t: 1954	Membru tas-CNDD Gvernatur ta' Mamou
27.	Kurunell Dr. Abdoulaye Chérif DIABY	d.t.t: 26.2.1957 Pass: 13683	Membru tas-CNDD Ministru tas-Saħħa u tal-Iġjene Pubblika
28.	Is-Sur Mamady CONDÉ	d.t.t: 28.11.1952 Pass: R0003212	Membru tas-CNDD
29.	Sub-Logutenent Cheikh Ahmed TOURÉ		Membru tas-CNDD
30.	Logutenent Kurunell Aboubacar Biro CONDÉ	d.t.t: 15.10.1962 Pass: 2443/R0004700	Membru tas-CNDD
31.	Is-Sur Bouna KEITA		Membru tas-CNDD
32.	Is-Sur Idrissa CHERIF	d.t.t: 13.11.1967 Pass: R0105758	Ministru responsabbli għall-Komunikazzjonijiet fil-Presidenza u fil-Ministeru tad-Difiża
33.	Is-Sur Mamoudou (psewdonomu) Mamadou) CONDÉ	d.t.t: 9.12.1960 Pass: R0020803	Segretarju tal-Istat, Responsabbli għall-Missjonijiet, il-kwistjonijiet strateġiċi u l-iżvilupp sostenibbli
34.	Logutenent Aboubacar Chérif (psewdonomu Toumba) DIAKITÉ		Aide de Camp tal-President

	Isem (u psewdonomi possibbli)	Informazzjoni għall-identifikazzjoni (data u post tat-twelid (d.t.t. u p.t.t.), numru tal-passaport (Pass.)/karta tal-identità …)	Karigi
35.	Is-Sur Ibrahima Khalil DIAWARA	d.t.t: 1.1.1976 Pass: R0000968	Kunsillier Speċjali ta' Aboubacar Chérif "Toumba" Diakité
36.	Sub-Logutenent Marcel KOIVOGUI		Assistent ta' Aboubacar Chérif "Toumba" Diakité
37.	Is-Sur Papa Koly KOUROUMA	d.t.t: 3.11.1962 Pass: R11914/R001534	Ministru tal-Ambjent u l-Iżvilupp Sostenibbli
38.	Kmandant Nouhou THIAM	d.t.t: 1960 Pass: 5180	Spettur Ġenerali tal-Forzi Armati Kelliem tas-CNDD
39.	Kaptan tal-Pulizija Théodore (psewdonomu Siba) KOUROUMA	d.t.t: 13.5.1971 Pass: Service R0001204	Attaché tal-kabinett għall-Presidenza
40.	Kaptan Mamadou SANDÉ	d.t.t: 12.12.1969 Pass: R0003465	Ministru fil-Presidenza responsabbli għall-Ekonomijia u l-Finanzi
41.	Is-Sur Alhassane (psewdonomu Al-Hassane) Siba ONIPOGUI	d.t.t: 31.12.1961 Pass: 5938/R00003488	Ministru fil-Presidenza responsabbli għall-Kontroll tal-Istat
42.	Is-Sur Joseph KANDUNO		Ministru responsabbli għall-Verifiki, it-trasparenza u l-Governanza tajba
43.	Is-Sur Fodéba (psewdonomu Isto) KÉIRA	d.t.t: 4.6.1961 Pass: R0001767	Ministru taż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Promozzjoni tal-Impjieg fost iż-Żgħażagħ
44.	Kurunell Siba LOHALAMOU	d.t.t: 1.8.1962 Pass: R0001376	Ministru tal-Ġustizzja, Għassies tas-Siġilli
45.	Dr. Frédéric KOLIÉ	d.t.t: 1.1.1960 Pass: R0001714	Ministru tal-Amministrazzjoni tat-Territorju u l-Affarijiet Politiċi
46.	Is-Sur Alexandre Cécé LOUA	d.t.t: 1.1.1956 Pass: R0001757 / diplomatiku: R 0000027	Ministru tal-Affarijiet Barranin u taċ-Ċittadini tal-Ginea li jgħixu barra mill-pajjiż
47.	Is-Sur Mamoudou (psewdonomu Mahmoud) THIAM	d.t.t: 4.10.1968 Pass: R0001758	Ministru tal-Minjieri u l-Enerġija
48.	Is-Sur Boubacar BARRY	d.t.t: 28.5.1964 Pass: R0003408	Ministru tal-Istat fil-Presidenza responsabbli għall-Kostruzzjoni, il-Ġestjoni tat-Territorju u l-Wirt Arkitetturali Pubbliku
49.	Is-Sur Demba FADIGA	d.t.t: 1.1.1952 Pass: Dokument ta' residenza FR365845/365857	Membru tas-CNDD Ambaxxatur Straordinarju u Plenipotenzjarju. Responsabbli għar-relazzjonijiet bejn is-CNDD u l-Gvern

	Isem (u psewdonomi possibbli)	Informazzjoni għall-identifikazzjoni (data u post tat-twelid (d.t.t. u p.t.t.), numru tal-passaport (Pass.)/karta tal-identità …)	Karigi
50.	Is-Sur Mohamed DIOP	d.t.t: 1.1.1963 Pass: R0001798	Membru tas-CNDD Gvernatur ta' Conarky
51.	Is-Surġent Mohamed (psewdonomu Tigre) CAMARA		Membru tal-forzi tas-sigurtà fil-kamp tal-Gwardja Presidenzjali "Koundara"
52.	Is-Sur Habib HANN	d.t.t: 15.12.1950 Pass: 341442	Kumitat ta' Verifika u ta' Sorveljanza tas-Setturi Strateġiċi tal-Istat
53.	Is-Sur Ousmane KABA		Kumitat ta' Verifika u ta' Sorveljanza tas-Setturi Strateġiċi tal-Istat
54.	Is-Sur Alfred MATHOS		Kumitat ta' Verifika u ta' Sorveljanza tas-Setturi Strateġiċi tal-Istat
55.	Kaptan Mandiou DIOUBATÉ	d.t.t: 1.1.1960 Pass: R0003622	Direttur tal-uffiċċju tal-istampa fil-Presidenza Kelliem tas-CNDD
56.	Is-Sur Cheik Sydia DIABATÉ	d.t.t: 23.4.1968 Pass: R0004490	Membru tal-Forzi Armati Direttur tas-Servizzi ta' Intelligence u ta' Investigazzjoni fil-Ministru tad-Difiża
57.	Is-Sur Ibrahima Ahmed BARRY	d.t.t: 11.11.1961 Pass: R0048243	Direttur Ġenerali tar-Radju u t-Televiżjoni tal-Ginea
58.	Is-Sur Alhassane BARRY	d.t.t: 15.11.1962 Pass: R0003484	Gvernatur tal-Bank Ċentrali
59.	Is-Sur Roda Namatala FAWAZ	d.t.t: 6.7.1947 Pass: R0001977	Co. Pres Negozjant konness mas-CNDD u li ta appoġġ finanzjarju lis-CNDD
60.	Is-Sur Dioulde DIALLO		Co. Pres Negozjant konness mas-CNDD u li ta appoġġ finanzjarju lis-CNDD
61.	Is-Sur Kerfalla CAMARA		KPC PDG tal-Gui. Co. Pres Negozjant konness mas-CNDD u li ta appoġġ finanzjarju lis-CNDD
62.	Dr. Moustapha ZABATT	d.t.t: 6.2.1965	Tabib u Konsulent Personali tal-President
63.	Is-Sur Aly MANET		Moviment "Dadis Doit Rester"
64.	Is-Sur Louis M'bemba SOUMAH		Ministru tax-Xogħol, ir-Riforma Amministrattiva u s-Servizz Pubbliku

	Isem (u psewdonomi possibbli)	Informazzjoni għall-identifikazzjoni (data u post tat-twelid (d.t.t. u p.t.t.), numru tal-passaport (Pass.)/karta tal-identità …)	Karigi
65.	Is-Sur Cheik Fantamady CONDÉ		Ministru tal-Informazzjoni u l-Kultura
66.	Kurunell Boureima CONDÉ		Ministru tal-Agrikoltura u t-Trobbija tal-Bhejjem
67.	Is-Sur Mariame SYLLA		Ministru tad-Deċentralizzazzjoni u l-Iżvilupp Lokali